# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 1**

**Rikors numru 3/91**

**Joseph Borg u b'digriet tal-21 ta' Mejju 1999 l-atti gew trasfuzi f'isem Charles, Teddy u Tony u Frances mizzewga Scerri, ilkoll ahwa Borg stante l-mewt ta' missierhom Guiseppe li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Carmela armla ta' Joseph Muscat, Anthony Muscat, Rita armla Carabez u Francis Muscat**

Din il-Qorti qed tikkunsidra talba tal-attur appellant biex din il-kawza deciza b'sentenza taghha tat-8 ta' Marzu 1996, tigi mismugha mill-gdid ghar-ragunijiet li jaqghu fit-termini tas-sub incizi (a) (e) u (i) tal-artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Din il-Qorti kienet b'decizjoni in parte tad-29 ta' Mejju 1998 cahdet talba ghar-rikuza tal-Imhallfin li jikkomponuwha f'dan l-istadju, waqt li rriservat li tirregola ruhha mod iehor jekk huma jirrizultalhom jekk ikollhom cirkustanzi li

jimponu fuqhom l-obbligu li jastjenu mis-smiegh ulterjuri tar-rikors. Is-sentenza ritrattanda utli li tigi hawn riportata s'sentenza tat-8 ta' Marzu 1996 li tat lok ghall-prezenti talba ghar-ritrattazzjoni.

> "Dan hu appell minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna f'kawza fejn ir-rikorrent qed jitlob li jigi awtorizzat ma jirrenovax il-lokazzjoni wara l-iskadenza tad-**29 ta' Gunju 1991**, fuq dawn il-premessi;
>
> 1) Illi hu jikri lill-intimati **bhala eredi ta' missieru**, minbarra Carmela Muscat li tigi mart l-imsemmi Joseph Muscat, il-fond numru 18, Triq Xandriku, Nadur, bil-kera ta' tlett liri (Lm3) fis-sena, pagabbli fid-29 ta' Gunju ta' kull sena, liema kera tithallas kull sena bil-quddiem.
>
> 2) Illi l-intimati **qew il-predecessuri taghhom** fit-titolu ghamel hsara konsiderevoli fil-fond u hallih zdingat u ghalhekk kien kiser wahda mill-kondizzjonijiet taciti tal-kirja, u
>
> 3) Illi hu kellu bzonn l-istess fond ghall-uzu tieghu personali u ghall-uzu tal-familja tieghu.
>
> **L-eccezzjonijiet**
>
> L-appellati eccepew illi :-
>
> 1) It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu rigettati u dana peress illi l-fond huwa fond **kummercjali** u bhala tali protett mil-ligi;
>
> 2) Li mhux minnu li huma jew l-awtur taghhom ghamlu hsara fil-fond u hallewh zdingat; u
>
> 3) Li huma ghandhom bzonn iktar mir-rikorrent ghall-uzu tal-istess fond.
>
> **Decide**
>
> Is-sentenza appellata laqghet iz-zewg eccezzjonijiet tal-intimati u cahdet it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.
>
> **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti ser tikkonsidra l-kawzalijiet originali avanzati mir-rikorrent ghat-talbiet tieghu, pero' ghall-fini ta' praticita' f'ordni divers.

1) Tikkonsidra l-ewwel il-premess illi l-intimati jew l-awtur taghhom ghamlu hsarat konsiderevoli fil-fond lokat u hallewh zdingat. Dana sal-punt li l-appellant jippretendi li l-inkwilini kisru wahda mill-kondizzjonijiet taciti tal-kirja. Dan punt ta' fatt li jinvolvi aspetti teknici li dwarhom il-membri teknici tal-Bord setghu jassistu lill-Bord biex jasal ghall-apprezzament tieghu tal-istat rejali tal-fond.

Il-Bord fis-sentenza jiddikjara li ghamel id-debiti verifiki waqt access li ghamel fil-21 ta' Ottubru, 1991. "**<u>Hsarat fil-fond ma rrizultawx.</u>** Izda rrizulta li ma kienx fi stat ta' manutensjoni tajba kif wiehed ghandu jistenna u jippretendi li jsib meta fond ikun uzat ghal skopijiet ohra li ma kienux it-trobbija u zamma ta' bhejjem". "L-istat ta' riparazzjoni huwa **<u>sodisfacenti</u>** u **<u>definittivament</u>** qatt ma jista' jammonta ghal "hsarat hafna" kontemplati fl-artikolu 9(a) tal-Kap. 69.

Din hi konsiderazzjoni ta' fatt illi din il-Qorti ta' revizjoni jehtigilha li taccetta bhala provat sakemm ma jirrizultawx cirkostanzi ta' gravita' tali li jiskossaw u jpoggu fid-dubbju l-verifika maghmula mill-Bord. Dubbju ta' din ix-xorta ittanta jixhed l-avukat difesur attwali tal-appellant waqt it-trattazzjoni ta' l-Appell. Dan bl-allegazzjoni originali imma spurja li l-membri teknici tal-Bord accedew fuq post zbaljat u cioe' mhux fil-post mertu tal-kawza imma fuq iehor li jmiss mieghu. Akkredita lill-membri teknici jew b'ingenwita' kbira jew li ssokkombew ghal xi nasba dijabolika da parti tal-intimat. Il-Qorti ssib li xejn minn dan kollu ma hu accettabbli kredibbli jew provat. Fil-qosor :

1) Hi taghti affidament lill-avukat tal-appellat illi ddepona illi hu jaf lill-**<u>kontendenti,</u>** jaf fejn joqghodu u jaf il-fondi imsemmija fit-trattazzjoni. Jikkonferma li hu kien prezenti waqt l-access, waqt li la l-appellant u lanqas id-difensur tieghu ma kienu prezentati. Jikkonferma li l-Bord acceda fil-post mertu tar-rikors. Din id-dikjarazzjoni l-Qorti temminha. Quantum sufficit.

2) Tinnota wkoll illi l-access sar **<u>qabel</u>** inbeda l-gbir tal-provi fit-23 ta' Ottubru 1991. Il-kawza giet deciza mill-Bord fit-12 ta' Mejju 1993. Fid-diversi seduti quddiem il-Bord l-appellant qatt ma ghamel allegazzjonijiet ta' din ix-xorta avolja l-verbal tal-access li jaghti dettalji tal-fond spezzjonat kien debitament registrat u accessibbli ghalih ghal hafna xhur. Ma ghamel l-ebda referenza ghal din l-allegazzjoni anqas fil-petizzjoni tieghu meta allura wiehed kien jistenna illi l-appellant kellu jezamina l-atti bir-

reqqa u jaghmel il-konstatazzjonijiet mehtiega li fuqhom jibbaza l-aggravji tieghu. La din l-allegazzjoni ma kienitx fost dawn l-aggravji, din il-Qorti ma tarax kif tista' tikkonsidraha inkwantu l-appellant qed jibbaza din il-parti ta' l-appell tieghu mhux fuq l-allegazzjoni illi l-hsarat riskontrati mill-periti teknici ma kienux dawk li kien hemm fil-fond proprjeta' tieghu imma li dawk il-hsarat kienu tali li jintitolawh jirriprendi l-pussess tieghu.

Dan l-aggravju qed jigi michud inkwantu ma jirrizultax pruvat.

Fit-trattazzjoni, l-appellant intilef fir-ricerka inutili fl-allegazzjoni nfondata dwar l-identita' tal-fond fejn sar l-access u skarta kwazi ghal kollox l-aggravju principali fil-petizzjoni li l-fond de quo ma jistax jitqies li hu "hanut" fit-termini tal-artikolu 9(b) tal-Kap. 69. Ta' importanza hu l-fatt illi b'sentenza tal-Bord tat-2 ta' Marzu 1993, konfermata minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1993, l-fod gie hekk kwalifikat bhala hanut. L-appellant pero' jsostni "li dawk is-sentenzi (tal-Prim'istanza u ta' l-Appell) inghataw fil-konfront tal-predecessur fit-titolu tal-intimati". Jghidu li ghalkemm veru li l-kirja "tintiret", dan ma jfissirx li l-fond jibqa' protett meta jkun meqjus ta' natura kummercjali minhabba l-"mestier" tal-inkwilin. Fil-kaz tal-awtur tal-intimati jirrizulta li dan veru kien "hawker" li jbiegh it-tjur u annimali ohra, waqt li l-intimati appellati m'ghandhomx dan l-istess negozju. L-appellant isostni wkoll illi zbaljatament il-Bord assuma li darba l-kirja li kien hemm ghaddejja favur Joseph Muscat, l-awtur ta' l-appellati, kienet wahda ta' natura kummercjali, allura din baqghet hekk u ma nbidlitx anke wara l-mewt tal-kerrej li bl-attivita' tieghu fil-fond mikri rrenda l-hanut fond kummercjali.

Gjustament pero' l-Bord ma accettax din is-sottomissjoni. Il-konsiderazzjonijiet tal-Bord dwar dan l-aspett tal-vertenza huma korretti. Il-Qorti izzid biss is-segwenti : (a) Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata ddecidiet li "ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju dwar in-natura kummercjali tal-fond u ghalhekk l-istess fond huwa protett fil-ligi bhala hanut". Biex il-kirja titlef dik il-protezzjoni allura s-sid ma jistax jattakka n-natura kummercjali tal-fond lokat imma biss li l-inkwilin tilef id-dritt ghar-rilokazzjoni ghax ma baqghax juzah ghal dak l-iskop kummercjali li ghalih kien mikri jew minhabba n-nom uzo. Irid jipprova l-kambjament ta' destinazzjoni kummercjali tal-fond da parti tal-inkwilin. Prova din li bl-ebda mod ma tirrizulta. (b) Issa l-appellant bl-ebda mod ma ppremetta kawzali ta' din ix-xorta fir-rikors promotur tieghu. Apparti l-kawzali tal-hsarat hu ppremetta biss li hu ghandu bzonn l-istess fond ghall-uzu personali tieghu u tal-familja tieghu. Kawzali li hija ghal kollox insostenibbli una volta l-fond hu definit li gie u hu mikri ghal skop kummercjali u jikkwalifika bhala hanut ghall-finijiet tal-ligi. Kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza

fuq citata, f'sitwazzjoni simili "ma hemmx lok ghall-ezami dwar il-bzonn tar-rikorrent ghall-fond". Assolutament allura ma hux il-kaz li jsir ezercizzju ta' studju komparattiv tal-"hardship" tas-sid u tal-inkwilin jew ezami tal-bzonn li s-sid allegatament ghandu ghalih u ghall-membri tal-familja tieghu. Anke dan l-aggravju hu allura insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

**<u>L-AGGRAVJU</u>**

L-attur qed jibbaza t-talba tieghu biex din il-Qorti tannulla s-sentenza taghha tat-8 ta' Marzu 1996, u tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza ghas-segwenti ragunijiet :-

"Illi l-fatti fil-qosor huma dawn :-

Illi l-intimati ghamlu hsara konsiderevoli fil-fond u hallewh zdingat, u b'hekk kiser wahda mill-kondizzjonijiet tal-kirja.

Illi l-aggravju tar-rikorrent li jaghti lok ghat-talba ghal ritrattazzjoni hu bazat fuq il-fatt li s-sentenza msemmija moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Marzu 1996 applikat il-ligi hazin, liema aggravju hu kontemplat fl-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12. In vista tas-sentenza precedenti taghha li ddecidiet li "ma jistax ikun hemm l-ebda dubbju dwar in-natura kummercjali tal-fond u ghalhekk l-istess fond huwa protett fil-ligi bhala "hanut", din l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi "biex il-kirja titlef dik il-protezzjoni allura s-sid ma jistax jattakka n-natura kummercjali tal-fond lokat imma biss li l-inkwilin tilef id-dritt ghar-rilokazzjoni ghax ma baqax juzah ghal dak l-iskop kummercjali li ghalih kien mikri jew minhabba n-non usu. Irid jipprova l-kambjament ta' destinazzjoni kummercjali tal-fond da parti tal-inkwilin – prova din li bl-ebda mod ma tirrizulta. (b) Issa l-appellant bl-ebda mod ma ppremetta kawzali ta' din ix-xorta fir-rikors promotur tieghu. Apparti l-kawzali tal-hsarat hu ppremetta biss li hu ghandu bzonn l-istess fond ghall-uzu personli tieghu u tal-familja tieghu."

Illi, bir-rispett kollu, din l-Onorabbli Qorti applikat il-ligi hazin. Fir-rikors promotur ma gietx attakkata n-natura kumemrcjali tal-fond

(kif kienet giet determinata precedentement), izda ssemmiet ir-raguni ta' "hsarat hafna" kif hemm kontemplat fl-artikolu 9 (a) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-Onorabbli Qorti applikat il-ligi hazin meta dahhlet in ballo raguni ohra msemmija fil-ligi dwar "kambjament ta' destinazzjoni" u kkonkludiet li din ma tistax tigi applikata ghaliex ma ssemmietx espressament fir-rikors promotur. Ir-raguni li kellha tigi ezaminata u deciza kienet dik ta' "hsarat hafna" ossija hsara konsiderevoli fil-fond. Certament, jekk hemm "hsarat hafna", hemm ukoll "kambjament ta' destinazzjoni", izda m'ghandhiex tissemma la mir-rikorrent u lanqas minn din l-Onorabbli Qorti. Il-bazi tar-rikors hija "hsarat hafna" (oltre l-kwistjoni tal-bzonn, li r-rikorrent jaccetta li hija irrilevanti).

Illi hawnhekk jassumi importanza kbira l-access mizmum mill-Bord ghaliex jezistux jew le hsarat (liema hsarat jezistu u kif!) jiddependi mill-konstatazzjonijiet ta' l-organi gudizzjarji u mhux x'jghidu l-partijiet.

Illi, fit-tieni lok, fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet premessi hemm disposizzjonijiet kontra xulxin, liema aggravju hu kontemplat fl-artikolu 811 (i) tal-Kap. 12. Minn naha 'l wahda tghid, fir-rigward tal-verifiki waqt l-"access", illi "Din hi konsiderazzjoni ta' fatt illi din il-Qorti ta' revizjoni jehtiegilha li taccetta bhala provat sakemm ma jirrizultawx cirkostanzi ta' gravita' tali li jiskossaw u jpoggu fid-dubbju l-verifika maghmula mill-Bord", u minn naha 'l ohra, ddikjarat li qeghda taghti affidament lid-deposizzjon ta' l-avukat tal-appellat "illi hu jaf lill-kontendenti, jaf fejn joqghodu u jaf il-fondi msemmija fit-trattazjoni. Jikkonferma li kien prezenti waqt l-access, waqt li la l-appellant u lanqas id-difensur tieghu ma kienu prezenti. Jikkonferma li l-Bord acceda fil-post mertu tar-rikors. Din id-dikjarazzjoni l-Qorti temminha. Quantum sufficit." B'danakollu, din l-Onorabbli Qorti b'nifs wiehed qalet li dak li tnizzel mill-Bord taccettah bhala provat, izda mbaghad m'accettatx bhala provat li l-avukat ta' l-appellat ma kienx prezenti waqt l-access, kif jirrizulta mill-verbal ta' l-access stess. Fi kliem iehor, din l-Onorabbli Qorti tat affidament lill-avukat ta' l-appellat dwar l sar u fejn sar l-access meta skond il-verbal stess ta' l-access dan l-avukat ma kienx prezenti, u dan wara li hija stess qalet li l-verbal maghmul mill-Bord ghandu jittiehed bhala provat.

Illi, inoltre, l-esponent qed jilmenta li din l-Onorabbli Qorti sejjhet bhala xhud hija stess fi stadju krucjali tal-kawza lill-avukat ta' l-appelat u rrifjutat lill-esponent id-dritt tal-kontro-ezami. Dan ma kienx xi xhud indipendenti li ma kienx issejjah mill-partijiet u li l-Qorti hasset li hu necessarju ghar-ricerka tal-verita'. Dan kien l-avukta ta' l-appellat, l-avukat ta' l-avversarju fil-proceduri, u l-

esponent gie rifjutat ripetutatament id-dritt tal-kontro-ezami avolja x-xiehda ta' dan kien pregudizzjevoli ghall-esponent. Dan jammonta ghal lezjoni tad-ditt fondamentali ghal smiegh xieraq u l-esponent ser jipprezenta l-proceduri opportuni fir-rigward.

Illi, inoltre, s-sentenza ttiehdet bil-qerq kommess mill-intimat bi hsara tar-rikorrent, liema aggravju hu kontemplat fl-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12. L-intimat Francis Muscat xehed fl-20 ta' Jannar 1993 :

> "Jien li ghandi hu permess ta' Hawker ….. Il-permess ta' 'hawker' qieghed fuq ismi personalment. Dan il-permess gibtu kif miet missieri. Jien ippruvajt naghmel transfer tal-permess illi kellu missieri fuq ismu, izda billi l-Pulizija nfurmawni illi ma stajtx, jiena applikajt ghall-permess gdid fuq ismi."

Illi l-esponent qieghed jipprezenta ittra rilaxxjata mill-Pulizija f'Ghawdex li qeghda tigi mmarkata bhala Dok. FZ li tghid illi :

> "….. l-imsemmi Francis Muscat applika mal-Pulizija fit-2 ta' Frar 1993 sabiex jottjeni licenzja tal-Pulizija sabiex ikun jista' jaghmilha ta' bejjiegh fit-triq (hawker) permezz ta' Van numru T-5854 u sabiex jistorja f'garage adjacenti mar-residenza tieghu. Wara li l-istess applikazzjoni hadet il-process taghha, l-licenza relativa nharget jew ahjar, giet approvata fis-6 ta' Mejju 1995."

Dan juri inekwivokabilment illi l-intimat xehed il-falz fil-proceduri gudizzjarji. Fl-okkazjoni li xehed, mhux biss mhux veru li kellu permess ta' hawker, izda lanqas biss kien ghadu applika ghalih. Mar japplika ghalih wara, probabbilment ghaliex l-avukat tieghu fissirlu li seta' jigi f'inkwiet serju jekk jinqabad li xehed il-falz.
Illi dan kollu jiggustifika t-talba tar-rikorrent ghar-ritrattazzjoni tal-proceduri fi stadju ta' appell a tenur tas-subartikoli msemmija ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Din il-Qorti rriproduciet ir-ragunijiet dedotti mill-attur fit-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni ghaliex minn ezami komparattiv taghhom mal-motivazzjoni u mal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza

impunjata, tirrizulta manifesta l-infondatezza tat-talba sal-punt li din ghandha titqies necessarjament frivola u vessatorja. Tant illi jimponi fuq din il-Qorti illi tapplika fil-konfront tar-ritrattand il-komminazzjoni tad-doppio spese fit-termini tas-sub inciz 4 tal-inciz 223 tal-Kap 12.

Il-Qorti sejra tikkonsidra kull aggravju tar-ritrattand fl-ordni minnu sollevat.

**<u>Aggravju ai termini tas-sub inciz (e) tal-artikolu 811 :-</u>**

1. Dan l-aggravju hu fuq kollox irritwali proceduralment. L-artikolu 816 jimponi fuq ir-ritrattand li jkun qieghed jadduci raguni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi illi "ghandu jsemmi l-ligi li kien immisha giet applikata." Fl-ebda parti mill-aggravju tieghu bazat fuq dan is-sub inciz l-attur ma jissodisfa dan ir-rekwizit ta' ligi. Fuq hekk biss dan l-aggravju jisthoqqlu li jigi skartat. Dan apparti hu aktar minn ovvju illi r-raguni sostanzjali sottomessa mill-attur ghall-prezunta applikazzjoni hazina tal-ligi apparentament tikkonsisti fl-allegazzjoni illi din il-Qorti flok qaghdet fil-limiti tal-kawzali ghat-talba minnu dedotta ghall-izgumbrament "dahlet in ballo ragunijiet ohra imsemmija fil-ligi dwar "kambjament ta' destinazzjoni" u ma qaghditx biss fuq ir-raguni dedotta u cioe' dik li kien hemm f'hafna hsarat fil-fond de quo". Isahhah din it-tezi tieghu bi spropositu legali illi "certament jekk hemm" hsarat hafna" hemm ukoll "kambjament ta' destinazzjoni". Hu jzid "izda din it-tieni raguni ma

ssemmitx fir-rikors u ghalhekk m'ghandhiex tissemma la mir-rikorrent u lanqas minn din l-Onorabbli Qorti."

Dan kollu fil-kuntest tal-motivazzjoni tas-sentenza impunjat, hu sempliciment irrejali sal-punt li jaghti l-impressjoni illi min irrediga r-rikors tar-ritrattazzjoni ma hassx il-htiega li jaqra l-atti tal-kawza. Hu aktar minn ovvju illi s-sentenza mhux biss tattalja ezattament mal-kawza kif intavolata fir-rikors promotur quddiem il-Bord imma wkoll tirrispondi punt punt fedelment u kwazi b'mod imbarrazzanti l-aggravji tal-attur fir-rikors tal-appell tieghu mis-sentenza tal-Bord. Aggravji li kienu jinkludu ezattament konsiderazzjonijiet dwar ix-xorta tan-negozju li kellu Joseph Muscat kien jiggestixxi fil-fond de quo, l-allegazzjoni li n-natura kummercjali tal-fond ma kienet xejn hlief montatura, n-nuqqas ta' protezzjoni tal-inkwilini attwali taht il-Kap 69 li kienu jintitolaw is-sid biex jirriprendi pussess tal-fond. Jinghad biss illi fir-rikors tal-appell tieghu m'hemmx riferenza wahda ghall-premessa tal-"hafna hsarat" li fuqhom ir-ritrattand jippretendi li din il-Qorti kellha esklussivament tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza impunjata. Tabilhaqq l-isfrondatezza tar-ritrattand m'ghandhiex limiti. Bl-istess argument tieghu, din il-Qorti kien messha lanqas tatu udjenza fuq ir-rikors tal-appell proprju ghaliex, skond hu, dan kien ghal kollox jezorbita mit-termini tal-kawzalijiet minnu stess dedotti ghat-talba ghar-ripreza tal-fond quddiem il-Bord. Mhux ta' b'xejn din il-Qorti fis-sentenza impunjata esklamat "quantum sufficit". Kull kumment iehor ikun zejjed,

barra minn loku u telf ta' hin. Jinghad biss kemm kienet ghaqlija din il-Qorti meta rrezistiet it-talba tar-ritrattand biex tirrikuza ruhha proprju fuq dan il-kap ta' ritrattazzjoni.

**L-aggravju tas-sub inciz (i) tal-artikolu 811 :-**

2. Dan l-aggravju jaghti lok ghal smiegh mill-gdid tal-kawza "jekk fis-sentenza ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin". Jidher illi ghar-ritrattand dan ifisser illi kellu l-jedd ghar-ritrattazzjoni jekk, skond hu, fil-konsiderandi taghha fis-sentenza impujata tikkummenta b'mod li ghalih jidher kontradittorju. Xejn minn dan. Dan is-sub inciz li jaghti biss lok ghal smiegh mill-gdid jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Dana jigifieri jekk fis-sentenza jkun hemm decizjonijiet kontradittorji illi jirrendu difficli jekk mhux impossibbli l-ezekuzzjoni taghha. Jekk jigifieri s-sentenza tkun tali illi ma jkunx kjarament leggibbli l-volonta' espressa tal-Qorti kif kellhom jigu regolati d-drittijiet u l-obbligi bejn il-kontendenti fit-termini tat-talbiet u l-eccezzjonijiet moghtija. L-inkonsistenza fid-disposizzjonijiet kellha essenzjalment tokkorri f'dawk l-elementi li flimkien jikkostitwixxu d-decide tas-sentenza u kellha tkun wahda gravi sal-punt li tirrendi l-gudikat incert jekk mhux adirittura inkomprensibbli.

Minn dan kollu ovvjament fis-sentenza appellata m'hemm assolutament xejn. Dak li jilmenta minnu r-ritrattand ma hu xejn hlief aggravju dwar l-

apprezzament ta' din il-Qorti tal-provi prodotti kif ukoll tal-kredibbilita' u l-attendibbilita' tax-xhieda mismugha., Materja din li certament ma tistax tikkostitwixxi raguni ghal smiegh gdid tal-kawza. Dan l-aggravju ma hu xejn aktar hlief tentattiv fjakk da parti tar-ritrattand li jipprova jakkwista smiegh mill-gdid ta' kawza kjarament pregudikata. Dan l-aggravju qed jigi wkoll definit bhala frivolu u vessatorju.

**<u>L-aggravju fit-termini tas-sub inciz (a) tal-artikolu 811 :-</u>**

3. Dan jipprovdi illi kawza deciza b'sentenza fi grad ta' appell tista' tinstema' mill-gdid "jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara tal-ohra". Dan l-aggravju jinkuruna s-serje ta' motivazzjonijiet frivoli avvanzati mir-ritrattand. Jibbaza l-aggravju tieghu fuq ittra rilaxxjata mill-Pulizija ta' Ghawdex datata 19 ta' Gunju 1995 li, skond hu, turi inekwivokabbilment illi l-intimat kien xehed il-falz fil-proceduri gjudizzjarji. Isostni li fl-okkazjoni li xehed mhux biss mhux veru li kellu permezz ta' Hawker izda lanqas biss kien ghadu applika ghalih. "Mar japplika ghalih wara probabbilment ghaliex l-avukat tieghu fissirlu li seta' jigi f'inkwiet serju jekk jinqabad jixhed il-falz."

Apparti l-fatt illi l-qerq biex jaghti lok ghal smiegh mill-gdid kellu jirrizulta mill-atti tal-kawza u kellu jkun wiehed gravi, certament biex jigi konsidrat bhala raguni sufficjenti biex il-kawza tinstema' mill-gdid kellu jirrizulta bla dubbju illi kien wiehed determinanti fl-ghoti tas-sentenza

impunjata.  Issa hu aktar minn ovvju mill-qari ta' motivazzjoni ta' dik is-sentenza, illi fl-ebda mument ma kienet id-decizjoni tal-Qorti tiddependi mill-fatt jekk l-intimat kellux jew le licenzja ta' Hawker.  Imkien fis-sentenza ma tissemma' l-kwistjoni tal-licenzja.  Imkien m'hemm xi rifless fuq il-fatt illi t-talba ghar-ripreza tal-fond, allegatament kummercjali, kienet qed tigi michuda ghaliex fuq l-istess fond u fuq il-persuna tal-kerrejja kien hemm licenzja ta' Hawker.  Hu manifest illi dak li kien jinteressa lil din il-Qorti fl-ghoti tas-sentenza impunjata kien biss ix-xorta ta' attivita' kummercjali li bhala fatt kien qed jigi gestit mill-fond de quo indipendentement minn kull kwistjoni ta' licenzja.

Anke hawn il-frivolezza tal-aggravju hi manifesta.  Bizzejjed jinghad illi d-data tal-ittra li fuqha dan l-aggravju hu bazat infilzata ghar-rikors ta' ritrattazzjoni, hi kif inghad datata 19 ta' Gunju 1995.  Din l-ittra hija ndirizzata proprju lill-legali tar-ritrattand.  Kienet allura f'idejh fiz-zmien meta l-kawza kienet qed tigi trattata quddiem din il-Qorti fl-aqwa taghha u ferm qabel ma thalliet ghas-sentenza.  Hi allura skorrettezza serja illi dokument illi l-appellant kien iqis importanti ma jigix prodott fil-mument opportun quddiem din il-Qorti u jsir tentattiv biex jigi uzat bhala skuza ghal smiegh mill-gdid tal-kawza li dejjem timporta allegazzjoni illi fil-process proprju tkun saret xi tip ta' ingustizzja.  Tentattiv li din il-Qorti certament tirrezisti u ticcensura.  Anke dan l-aggravju ghandu jigi skartat.

Ghal dawn il-motivi, r-rikors ghar-ritrattazzjoni qed jigi michud b'dan illi l-appellant ritrattand qed jigi kundannat ihallas lir-ritrattat spejjez doppji ta' dawn il-proceduri tar-ritrattazzjoni fit-termini tas-sub inciz 4 ta' artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Dep/Reg

mg